MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 74

13 ta' Settembru 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 74 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Settembru 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li kien skużat. Is-Sindku R. Cutajar ma kienx preżenti waqt id-diskussjoni ta' *items* 6, 7 u 9 tal-aġenda minħabba npenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għall-minuta 14.6. **(Ref: T/4/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

> *"14.6. Il-Kunsillieri osserva li l-ismijiet tat-toroq li jinterċettaw Triq il-Parroċċa għandhom jiġu ndikati permezz tat-tabelli, minn Triq Sant' Anna sa Triq San Luqa b'tali mod li jidhru faċilment meta wieħed ikun nieżel b'vettura skont id-direzzjoni tal-one-way.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 73, bl-inkużjoni tal-emenda fil-minuta 1.1. aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-4 ta' Settembru 2012, fl-uffiċċju tal-MEPA saret il-preżentazzjoni ta' għotja ta' €2,000 sabiex jiġi mfakkar dan il-jum fis-16 ta' Settembru 2012. Il-Viċi Sindku E. Bartolo attenda għal din l-attivita`.

2.1.3. Il-Viċi Sindku spjega li dan l-avveniment jirrikjedi l-għeluq ta' Triq Selmun min-naħa tar-*roundabout* ta' Triq il-Kbira. Huwa qal li ser isiru arranġamenti wkoll biex il-vetturi tal-parteċipanti, kif ukoll dawk li jeħtiġilhom jidħlu Selmun ikunu jistgħu jipparkjaw fejn l-*interchange* tal-karozzi tal-linja, minn fejn ikunu jistgħu jimxu jew jużaw ir-rotta 102. Għaldaqstant ikun meħtieġ servizz ta' Pulizija jew Gwardjan Lokali biex jikkontrolla t-traffiku bejn id-9.00am u l-4.00pm. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li huwa talab lir-rettur inkarigat mill-kappella ta' Selmun sabiex javża waqt il-Quddies dwar dan l-arranġament għall-benefiċċju tar-residenti.

2.1.4. Il-Viċi Sindku ppropona li ssir talba lill-Arriva Malta Ltd sabiex waqt l-attivita` ir-rotta 102 titħaddem permezz ta' vettura *hybrid*. Fost l-attivitajiet proposti kien hemm is-segwenti:

- Tpingija tal-pajsaġġ minn artisti fuq il-post;
- *Bicycle rides* permezz ta' roti pprovduti waqt l-attivita`;

- Mixja fl-inħawi ta' Selmun organizzata mill-membri tal-Fondazzjoni ARKEO;
- *Fun run* u logħob tal-futbol; u
- *Pony rides*.

2.1.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, filwaqt li ddeċieda wkoll li tintrama' tinda fi Triq Selmun, li toffri kenn mix-xemx lill-kordinaturi tal-attivita` u dawk li jkunu jieħdu sehem.

### 2.2.1. Sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-barrrikata li tpoġġiet fi Triq il-Marfa, kantuniera ma' Triq it-Trill, ħalliet effett pożittiv fuq ir-residenti ta' Gerbulin u Tas-Sellum, għaliex minkejja l-limitazzjonijiet tat-toroq ewlenin li jgħaddu miċ-ċentru tal-Mellieħa, l-andament tat-traffiku huwa wieħed sodisfaċenti.

2.2.3. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-fatt li t-triq tal-Wied ta' Rdum infetħet għat-traffiku li jkun sejjer lejn it-tramuntana, filwaqt li dak sejjer lejn in-nofsinhar qed jgħaddi mill-karreġġjata li nfetħet f 'Dawret il-Mellieħa.

2.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li l-mizuri msemmija fil-minuti 2.1.2. u 2.1.3. għenu ħafna biex traffiku ntern miż-żoni Ta' Ġerbulin u Tas-Sellum lejn il-qalba tal-Mellieħa ma kkawża ebda problemi.

2.2.5. Is-Segretarju aċċenna għal talba verbali li saret mis-Superjur tal-MUSEUM dwar l-estensjoni tal-linji sofor fi Triq il-Marfa sat-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar. Dan sabiex it-tfal ma jaqsmux eżatt ma' vetturi li jkunu pparkjati hemm.

2.2.6. Is-Sindku kkummenta li din ir-restrizzjoni diġa kien hemm qbil dwarha ma' Transport Malta u fil-fatt kienet indikata permezz ta' karti mwaħħla mal-ħajt.

2.2.7. Il-Kunsill qabel li l-linji sofor għandhom jiġu mtawwla kif mitlub. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jitħallew spażji għall-vetturi ta' persuni b'diżabilita` bejn il-*pedestrian crossing* u l-*bus bay* fuq in-naħa tal-wied, u oħra għall-Pulizija fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.2.8. Is-Sur R. Cutajar għarraf li Arriva Malta Ltd qed tipproponi li tinstalla magna tal-biljetti qrib il-*bus stop* ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq Adenau, peress li huwa l-iktar wieħed li jintuża u b'hekk jiġi mnaqqas il-waqfien tal-karozzi tal-linja. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li jkun f'loku li ssir makna oħra fl-*interchange* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

2.2.9. Minħabba li l-wisa' tal-bankina huwa limitat ħafna, il-Kunsill qabel li l-magna għandha titpoġġa faċċata, fi Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq San Publiju.

### 2.3.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku rrefer għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa mal-*Contracts Manager* sabiex jiġi ppjanat ir-*refurbishment* meħtieġ tal-fond Nru. 4, Triq il-Madonna Ta' Fatima. Huwa qal li qed jiġi propost li s-sala t'isfel, fejn qabel kien hemm il-bar tal-Mellieħa Sports Club, tibqa' tintuża bħala *mutli-purpose hall* biex isiru laqgħat għall-pubbliku u l-korsijiet, eċċ. Il-bieb eżistenti minn Triq il-Madonna Ta' Fatima għandu jingħalaq u tiġi tieqa, filwaqt li d-dħul isir mill-bieb tal-kamra li attwalment hija użata bħala klassi. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li s-sala ta' fuqha tista' tiġi mibdula fi tliet uffiċċji u arkivju, fejn anke jista' jiġu trasferiti uħud mill-impjegati. Huwa qal ukoll li l-binja minn barra jeħtieġ li titbajjad.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla meta jitħejjew il-pjanti li jirriflettu l-proposti mressaqa mis-Sindku, possibilment sas-seduta li jmiss.

### 2.4.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.6. u għarraf li l-*complaince certificate* dwar DN154/12 u DN 796/11 inħarġu qabel ġie nawġurat il-proġett. Huwa aċċenna wkoll li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma laqax l-Appell 233/11 imressaq mis-Sur Emanuel Vella dwar il-permess - PA 4385/10 – li jinvolvi t-tnehhija tal-banka tal-lottu li kien hemm f'Misrah iz-Zjara tal-Papa Gwanni Pawlu II.

2.4.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li saritlu proposta sabiex il-bankijiet issirilhom tinda fuqhom biex tilqa' ix-xemx matul il-jum. Is-Sindku qal li din qatt ma kienet maħsuba u lanqas hija nkluża fil-permess maħruġ mill-MEPA.

2.4.4. Is-Sindku għarraf ukoll qed jiġi kkunsidrat min-naħa tal-inkwilin li għandu l-gabbana sabiex din tkun tista' tintuża bħala *booking office*. Huwa kkummenta li dan jinvolvi bdil fl-użu tal-post u għalhekk jeħtieġ il-permess tal-MEPA.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 13/09/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/08/12 – 04/09/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/08/12 – 17/08/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 20/08/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Parkeġġ riżervat għal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 10 ta' Awwissu 2012, mibgħuta mir-*Review Panel* tar-*Reserved Parking*, fejn intqal li l-istess Bord eżamina bir-reqqa id-dokumenti kollha relevanti u ddeċieda li s-Sinjorina Deborah Cilia tikkwalifika għal din il-faċilita` faċċata tar-residenza tagħha fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għaliex id-diżabilita` tagħha hija sostanzjali u tikkawża diffikulta` severa fil-mobilita`. Il-Kunsill ġie mfakkar li kienu saru rappreżentazzjonijiet lill-Transport Malta sabiex jirribattu l-istruzzjonijiet li ngħataw mill-istess Awtorita` sabiex din il-faċilita` tiġi rtirata.

4.1.3. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni din id-deċiżjoni.

### 4.2.1. Andament ta' Iljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti biex tressaq rendikont ta' dħul u l-infieq stmat li jkun hemm b'rabta ma' din l-attivita`. Is-Sur R. Cutajar qal li għalkemm il-parti l-kbira tal-kontijiet kienu daħlu, kien hemm uħud li għalkemm wieħed huwa konxju tagħhom, l-ispiża eżatta tista' tvarja. Huwa spjega li d-dħul bejn l-iskema dwar l-Attivitajiet Kultural, il-50% tal-Premju Nazzjonali Appoġġ lill-Intrapriża, l-Iskema Inizjattivi Sportivi Kunsilli Lokali 2012, u *sponsorships* minn entitajiet kummerċjali, ser tlaħħaq €25,438, filwaqt li l-infieq huwa stmat li jammonta għl €24,488.

4.2.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li f'każ ta' attivitajiet ta' dan il-kalibru jkun aħjar li jiġu ppreżentati l-estimi qabel iseħħu l-istess avvenimenti.

4.2.4. Is-Sindku wieġeb li attivita` bħal Iljieli Melleħin tkun qed tinbena minn jum għal' ieħor u għalhekk ma jkunx possibbli li wieħed jirrikorri għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'kull stadju. Minkejja dan, in-nefqa tkun qed tiġi segwita mis-Segretarjat kontinwament kontra d-dħul, kull meta jiġi kkonsidrat l-inklużjoni ta' *item* ġdid, filwaqt li x-xiri ta' servizzi u affarijiet oħra relatati jsir skont il-parametri stabbiliti fir-regolamenti finanzjarji. Is-Sur C. Cutajar fakkar ukoll li fl-erba' laqgħat preċedenti huwa aġġorna lill-Kunsill bil-kontenut tal-programm, liema kontenut dejjem ġie approvat b'mod unanimu.

4.2.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa x'rispons kien hemm bit-trasferiment tal-Iljieli Melleħin minn wara l-Festa tal-Vitorja għal qabel. Is-Sindku qal li r-rispons kien wieħed pożittiv ħafna għaliex eżatt wara l-festa, il-Melleħin in parikulari ma jkunux daqshekk fil-burdata li jkomplu jiffesteġġjaw, filwaqt li jidher li l-bejgħ kien tajjeb ħafna.

4.2.6. Is-Sindku qal ħa din l-opportunita` biex jirringrazzja lill-Kunsillieri C. Bartolo, J. Buttigieg u P. Cutajar li akkumpanjaw lir-rappreżentanti mil-lokalitajiet tewmija ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa, rispettivament waqt iz-żjara tagħhom f'Malta. Irringrazzja wkoll

lill-Viċi Sindku E. Bartolo għall-kordinazzjoni tal-arranġamenti tat-traffiku, kif ukoll lill-Kunsillier H. Fenech għall-attivitajiet imtellgħa miż-żgħażagħ.

### 4.3.1. Tindif fil-Fortizza tas-Salib (P/4/4/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 24 ta' Awwissu 2012, fejn is-Sur Albert Portelli u l-Mellieħa Scout Group qed jitlobu li titneħħa x-xibka tat-tunnara illi tpoġġiet f'bitħa fl-istess fortizza. Billi din iddeterjorat, jeħtieġ li titneħħa u hekk ukoll jitnaddaf il-post.

4.3.3. Permezz ta' *e-mail* ieħor datat 27 ta' Awwissu 2012, intalab ukoll il-kunsens tal-Kunsill sabiex jitneħħew siġar tal-Acacia li hemm fil-fortizza. Din l-approvazzjoni ntalbet wara li saret talba lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex jitneħħew l-istess siġar.

4.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-istat tax-xibka huwa tali, li m'hemmx lok illi din tiġi konservata. Għalhekk ġie deċiż li għandu jinkera krejn u *skip* sabiex din titneħħa mill-bitħa li tpoġġiet fiha fi Fortizza tas-Salib. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jitneħħew siġar tal-Acacia li kien hemm 'il ġewwa mir-reċint tal-fortizza.

### 4.4.1. Stedina għaċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Sacra* f'Adenau (K/1/5/Vol V)

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 11 ta' Settembru 2012, mibgħuta mis-Sindku ta' Adenau Arnold Hoffmann, fejn huwa stieden uffiċjalment lill-Kunsill tal-Mellieħa jibgħat mużiċisti u artisti sabiex jieħdu sehem fl-attivita` msemmija, li ser issir f'Adenau bejn id-19 u l-21 ta' April 2013. Fl-istess ittra ntqal li l-Kunsill ta' Adenau lest ikopri l-akkomodazzjoni għal 30 persuna, parti mill-ikliet u t-trasferimenti minn/għall-ajruport.

4.4.3 Ittieħed in konsiderazzjoni li sad-dati ndikati jkun hemm Kunsill ġdid u għalhekk ma jkunx prudenti li l-Kunsill attwali jidħol fid-dettalji tal-istedina. Min-naħa l-oħra, is-Sindku R. Cutajar aċċenna għal laqgħa li saret mas-Sindku Hoffmann, meta kien preżenti għall-Iljieli Mellieħin, fejn ġew diskussi possibilitajiet ta' parteċipazzjoni bejn il-Mellieħa u Adenau. Ġie nnutat li għaddejjin kuntatti bejn is-Sinjuri Sean Vella u Clemens Keiffenheim li huwa nkarigat mill-Kunsill Lokali ta' Adenau biex jikkordina l-parti mużikali tal-attivitajiet marbuta mal-*Via Sacra*. Għaldaqstant, il-Kunsill dehrlu li għandha tingħata tweġiba, fejn tiġi spjegata l-pożizzjoni, filwaqt li ser issir rakkomandazzjoni lill-Kunsill il-ġdid sabiex ikompli b'din l-inizjattiva.

4.4.4 Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li wara kuntatti li kienu saru mas-Sindku Arnold Hoffmann dwar il-possibilita` li grupp mill-Mellieħa jżur Adenau, l-istess Sindku staqsa dwar jekk il-Kunsill tal-Mellieħa għadux beħsiebu li jkompli f'din id-direzzjoni u kemm ser ikun in-numru ta' persuni.

4.4.5 Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jaħdem fuq din l-inizjattiva wkoll.

### 4.5.1. Attivitajiet imtellgħa flimkien ma' organizzazzjonijiet lokali (F/1/2/Vol IX)

4.5.2. Is-Segretarju rrefera għal rappreżentazzjonijiet li saru mad-Direttur għall-Gvern Lokali dwar l-interpretazzjoni li qed tingħata mill-*Monitoring Unit* lill-kollaborazzjoni mal-għaqdiet mhux governattivi, wara d-diskussjoni li kien hemm fit-tieni parti tas-Seduta Nru. 72 tal-25 ta' Lulju 2012.

4.5.3. Is-Sindku qal li fl-istess korrispondenza huwa saħaq li kollaborazzjoni mal-għaqdiet mhux governattivi, anke fejn ikun hemm l-involviment finanzjarju tal-Kunsill, m'għandiex tiġi nterpretata b'perspettiva dejqa bħala sempliċiment sostenn finanzjarju lill-istess għaqdiet, jew għad-direttura donazzjonijiet.

4.5.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fi tweġiba mogħtija mid-Direttur għall-Gvern Lokali fit-23 ta' Awwissu 2012, inġibdet l-attenzjoni li jkun hemm każijiet fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ikun mistoqsi fuq il-materji partikulari. Il-mistoqsijiet min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali isiru biex jiġu ċċarati ċertu affarijiet għall-ġid tal-istess Kunsill Lokali. Kompla jgħid li kemm il-Unit, kif ukoll id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, jinkoraġġixxu tali attivitajiet u jipprovdu l-appoġġ kollu meħtieġ f'dan ir-rigward. Fuq l-istess nota, is-Sindku qal li huwa nforma lill-*Monitoring Unit* permezz ta' *e-mail* datat 3 ta' Settembru 2012, dwar l-involviment tal-Kunsill fl-organizzazzjoni tal-kunċert mill-Wolverhamptom Youth Wind Orchestra, liema nizjattiva twettqet flimkien mas-Societa` Filarmonica La Vittoria.

4.5.5. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon l-komprensjoni murija mid-Direttur għall-Gvern Lokali.

4.5.6. Is-Segretarju rrefera għal e-mail datat 24 ta' Awwissu 2012 fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għarraf li qed jirrevedi l-operat tal-*Monitoring Unit* u fil-fatt għaddej bi proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet kollha nvoluti. Is-Sur C. Debono qal li fost l-kummenti li huwa għamel, aċċenna għall-perspettiva dejqa li qed tingħata fl-interpretazzjoni ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-għaqdiet mhux governattivi.

4.5.7. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13 ta' Settembru 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn id-9 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

**"Billi l-kuntratt preċedenti dwar *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari, skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (13/2012) skont l-Att tal-Kunsilli Lokali 1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta' l-1993;**

**Billi saret l-aġġudikazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tal-unika offerta sottmessa, kif jidher fil-minuti tal-istess bord tas-6 ta' Awwissu 2012; u**

**Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2012, il-Kunsill allokata fondi taħt il-voti 2311 u 7502, sabiex jintefqu fuq ir-*Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv (RR-37) mal-kumpanija Central Asphalt Ltd, għall-perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012, skont il-kundizzjonijiet u r-rati sottomessi minnhom fid-dokument ta' l-offerta.".**

**(T/4/13/Vol XI)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo, li tgħid:

**"Peress li skada l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi, mħaddem sa mill-1994 mid-Direttorat għat-Tindif fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, filwaqt li l-permezz ta' ittra datata 25 ta' Novembru 2011, l-istess Direttorat għarraf li mhux ser jibqa' jirrendi dan is-servizz;**

**Billi, saret sejħa għall-offerti (1/2011) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi l-ħames offerti li saru ġew evalwati fid-dettal mit-*Tender Adjudication Board,* liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tal-20 ta' Awwissu 2012; u**

**Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2012, il-Kunsill allokata fondi sabiex jintefqu fuq is-servizz in kwistjoni taħt il-vot 3053;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Absolute Cleaners Ltd għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012, bir-rati inklużi fl-offerta tagħhom.". (L/3/Vol II)**

8.2. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo esprimew ix-xettiċiżmu tagħhom dwar it-tħaddim ta' kuntratt b'attendenza limitata, peress li s-servizz mogħti jista' ma jkunx biżżejjed biex jilqa' għad-domanda, partikularment f'dak li jirrigwarda l-latrini li hemm fil-bajjiet. Huma ġibdu l-attenzjoni wkoll li dan jagħti lok għal żieda fil-vandaliżmu.

8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li f'dan l-istadju m'hemmx lok li wieħed jiddiskuti jekk għandux ikun hemm servizz b'attendenza kontinwa, jew wieħed limitat. Kompla jgħid li huwa fatt magħruf li bil-kuntratt preċedenti, jirriżulta li d-Direttorat tat-Tindif mhux dejjem kien ikollu r-riżorsi biżżejjed biex jpoġġi fattiga f'kull latrina.

8.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li d-Direttorat tat-Tindif ikkwota l-għola spiża – €94,520 – li wara ġie kkonfermat li tkopri għal servizz kontinwu, meta mill-esperjenza m'hemmx garanzija li dan ser ikun hekk. Minħabba l-qabża fl-ispiża kkwotata ma kienx possibbli għat-*Tender Adjudication Board* li jsir *shortlisting* ta' din l-offerta. Is-Sur E. Bartolo kkummenta wkoll li spiża daqshekk kbira tkun ta' piż kbir fuq il-finanzi tal-Kunsill.

8.5. Wara aktar dikussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa mal-offerent Absolute Cleaners Ltd sabiex jiġu ffinalizzati d-dettalji tal-kuntratt wara li tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u tiġi ppreżentata l-*performance bond*.

8.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 9.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol XI)

9.2. Fl-assenza temporanja tas-Sindku, il-Viċi Sindku E. Bartolo pprona li l-Kunsill għandu jibqa' jitlob is-servizz tal-Ħdud sabiex ikun hemm tisħiħ fl-infurzar f'dak li jirrigwarda l-*bye-laws*. Jeħtieġ ukoll li jissaħħaħ ukoll il-kontroll tat-traffiku u l-ipparkjar fit-toroq ewlenin. Kompla jgħid li huwa ttamat illi s-servizz ta' superviżjoni mill-Pulizija fejn l-Iskola Primarja jibda hekk kif tingħalaq l-għassa tal-Għadira.

9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li minkejja t-tħejjija ta' skeda ta' ħinijiet dwar is-servizz tal-Gwardjani Lokali minn xahar għal xahar, liema skeda tiġi mgħoddija lill-Uffiċjal Awtorizzat, din mhux neċessarjament tiġi osservata. Dar għar-raġuni li l-ħinijiet qed jitqassmu mill-Uffiċjal Awtorizzat, mingħajr ma l-Kunsill jiġi notifikat bit-tibdil li jkun sar. Is-Sur C. Debono appella lill-Viċi Sindku sabiex iqajjem dan il-punt fis-seduta li jmiss tal-Kumitat Reġonali.

9.4. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa.

## 10.1. Proġett dwar ir-restawr ta' girna u ħitan tas-sejjieħ qrib Triq ir-Raded fil-Manikata (P/4/26)

10.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt illi fis-6 ta' Ġunju 2012, il-MEPA ħarġet il-permess (PA 0023/12) dwar il-konservazzjoni ta' *heritage trail* fl-inħawi msemmija. Huwa qal li l-*Contracts Manager* intalab iħejji *bill of quantities* u stima tax-xogħlijiet involuti. Is-Sur R. Cutajar qal li din l-istima tlaħħaq €53,339. Ġie spjegat li l-proġett jinvolvi r-restawr ta' girna, u bini ta' ħitan tas-sejjieħ u formazzjoni ta' passaġġi sabiex ikun hemm aċċess għall-pubbliku li jżur dan il-post, fejn anke jeżistu raddet ir-roti (*cart ruts*).

10.3. Is-Sindku aċċenna għall-fatt illi fl-Estimi 2012 ma ġie allokat ebda vot għal dan il-proġett, filwaqt li kienu ġew ivvutati €90,000 għall-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata stess. Huwa għalhekk ippropona li jkun hemm trasferiment ta' fondi.

10.4. Il-Kunsill qabel mal-ħruġ ta' sejħa għall-offerti wara li d-dokument tal-offerta jiġi approvat mill-Uffiċċju tal-*Green Public Procurement* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Kien hemm qbil ukoll li jiġu trasferiti l-fondi mill-Vot 7520 għall-Vot 7526, kemm-il darba jkun hemm ħtieġa matul is-sena finanzjarja kurrenti.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2012 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

11.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 12.1. Proġett *Terra Mirabilis* flimkien mal-Comune di Casalborgone (P/10/12)

12.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għaż-żjara, li huwa flimkien mas-Sur Stephen Borg għamlu f'Casalborgone l-Italja fl-24 u l-25 ta' Lulju 2012, sabiex tiġi kkordinata l-konferenza li għandha ssir fil-Mellieħa fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2012. Huwa fakkar li din hija waħda mill-avvinimenti skedati taħt dan il-proġett. Huwa għarraf li għaddejjin it-tħejjijiet flimkien mas-sieħeb ewlieni f'dan il-proġett – il-Comune di Casalborgone.

12.3. Is-Sindku spjega li tħejja il-programm tal-konferenza li ser isseħħ bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2012 u li fiha ser jipparteċipaw wkoll il-Muniċipalitajiet tal-Vecipiebalgas fil-Latvia u dik ta' Cugir fir-Rumania. Fost il-kelliema fil-konferenza ġie mistieden l-Onor. George Pullicino – Ministru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali – li ser jindirizza lill-konferenza fil-ftuħ tagħha. Kelliem ieħor ser ikun l-Inġ. Godwin Sant mill-Awtorita` Maltija tar-Riżorsi. Din ser tkun imqassma fi tliet sessjonijiet li ser jittrattaw it-temi segwenti:

- 06/10/12 – *Developing Environment Through Energy*
- 07/10/12 – *Renewable Energies in Europe*
- 09/10/12 – *Biodiversity. The Variety and Variability of Nature. Nature Conservation*

12.4. Ġie propost li d-delegati jiġu ppreżentati pakkett b'informazzjoni dwar il-konferenza u l-lokalita` tal-Mellieħa. Is-Sindku ressaq proposta sabiex jinxtraw *biros*, basktijiet u *stress balls* sabiex jiġu ppreżentati lid-delegati. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* meħtieġa.

12.5. Sar suġġeriment ukoll sabiex issir sessjoni ta' tħawwil ta' siġar fil-Park f'Tal-Ibraġ, kif ukoll żjara fuq il-proġett tal-heritage trail f'Selmun u l-Imġiebaħ.

12.6. Is-Sindku ressaq ukoll stima tal-ispejjeż involuti li tammonta €15,333. Is-Sur R. Cutajar spjega li l-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi €7,480, filwaqt li ser issir talba taħt l-Iskema tal-Kofinanzjament li tammonta għal €8,082. Sabiex il-konferenza tal-Mellieħa tikkwalifika għall-finanzjament, jeħtieġ li tkun tinvolvi minimu ta' 100 delegat.

12.7. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 13.1. Korsijiet tal-kompjuter 2012-2013 (E/3/1/9/Vol III)

13.2. Is-Sindku għarraf li huwa kellu laqgħa mas-Sur Ray Abela ta' The Computer Training Centre Ltd dwar tliet korsijiet li qed joffru fl-użu tal-kompjuter – ECDL, e-Lifestyle u ICT For You. It-tlieta qed jiġu offruti bi spiża ta' €1,100 flimkien sakemm it-total tal-istudenti ma jaqbiżx 85.

13.3. Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 14.1. *Speed humps* fi Triq il-Qammieħ (T/3/2/Vol IX)

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li xi sewwieqa qed joħolqu periklu billi jsuqu b'veloċita` eċċessiva fit-triq imsemmija, minkejja li teżisti kurva li tnaqqas il-viżibilita`, filwaqt li jeżistu toroq traversi mill-għelieqi. Huwa għalhekk ippropona li jsiru *road humps* f'żewġ postijiet l-aktar li huma sensittivi.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens lill-Transport Malta.

## 15.1. Stat perikoluż tat-taraġ fi Triq San Publiju (D/3/1/Vol V)

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar l-istat perikoluż tat-turġien u partikularment ir-rampa li hemm fi Triq San Publiju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir *survey* tal-parti tat-triq imsemmija, bil-għan li tkun tista' titfassal pjanta mill-*Contracts Manager* u ssir applikazzjoni lill-MEPA f'każ li din tkun meħtieġa.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 9 ta' Ottubru 2012 fis-7.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**